**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Talba Nru: 249/2019 PM1**

**Laferla Insurance Agency Limited (C14529)**

**Vs**

**Carmelo Stivala Group Limited (C62625)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erba (4) ta' Settembru, 2019 illi permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-Tribunal ghandu jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsha s-somma ta' elfejn, disgha mija u sbatax-il euro u tmienja u hamsin centezmi (€2917.58), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-premia ossija korrispettiv ta' poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici fuq talba u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 534/19 u l-imghax mid-data ta' kull kont mahrug sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 7 t' Ottubru, 2019 li, permezz taghha l-istess socjeta` konvenuta cahdet it-talbiet attrici u ddikjarat li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma ntlahaq ftehim dwar l-iskont imsemmi u cioe` bbazzat fuq iz-zmien miftiehem tal-poloz, u s-socjeta` konvenuta qatt ma accettat opporu iffirmat xi ftehim dwar tali skont, u ghalhekk ma jistax jinghad illi kien hemm xi ksur ta' ftehim da parti tas-socjeta` esponenti. Di piu1 kwalunkwe skont li naghta kien wiehed generali u moghit biss minhabba l-ammont ta' poloz li nhargu f'isem is-socjeta` konvenuta u mhux moghti in vista taz-zmien mifithem illi ghalih kellhom jibqghu jiggeddu l-poloz ghaliex effettivament ftehim ma kienx hemm u kwalsiasi endorsement li seta` sar f'dan ir-rigward ma hix riflessjoni tal-volonta` tas-socjeta` konvenuta. Illi ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta m'ghandha taghti l-ebda ammont lis-socjeta` attrici.

Ra l-affidavit ta' Mark Laferla prezentat waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar, 2020 flimkien ma' ghadd ta' dokumenti annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda ta' Audrey Agius u ra d-dokumenti ezebiti minnha waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020.

Kompla jisma' x-xhieda tal-istess Audrey Agius u ra d-dokumenti ezebiti minnha waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju, 2020 u wkoll waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju, 2020.

Ra l-affidavit ta' Michael Stivala prezentata permezz ta' nota datata 18 ta' Settembru, 2020 u d-dokumenti relattivi annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda ta' Mark Laferla u wkoll ta' Michael Stivala in kontro-ezami waqt is-seduta tat-30 t'April, 2021.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza baqghet differita ghad-decizjoni finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija azzjoni li tirrigwardja talba da parti tas-socjeta`assiguratrici attrici ghar-rifuzjoni tal-iskont maqbul minnha a favur tas-socjeta` intimata in vista tal-poloz assigurativi accettati mis-socjeta` intimata ghal zmien relattivament twil u soggett ghall-kundizzjoni li l-poloz relattivi jibqghu jigu mgedda ghaz-zmien miftihem. Is-socjeta` attrici tikkontendi li s-socjeta` konvenuta kisret il-kuntratt tássikurazzjoni billi tterminat l-istess unilateralment qabel iz-zmien stipulat u kwindi hija tenuta li tirrifondi l-iskont koncess lilha kif inghad.

Illi da parti taghha s-socjeta` intimata tikkontendi li qatt ma ntlahaq ftehim ghal tali skont tant illi hi qatt ma accettat jew iffirmat xi ftehim f'dan is-sens u kwindi ma jistax jinghad li hija kisret xi ftehim. Tikkontendi wkoll li kwalunkwe skont li nghata ma kienx marbut maz-zmien imma ge hekk moghti in vista tal-ghadd tal-poloz li nhargu f'isem l-istess socjeta` konvenuta.

Illi mill-aspett prettament fattwali irrizulta car mill-assjem tal-provi prodotti u fil-fatt jinsab inkontestat li l-poloz tal-assigurazzjoni mertu tal-kawza odjerna gew konkluzi tramite l-involviment tas-socjeta` MIB Insurance Group bhala broker ghas-socjeta` konvenuta. F'dan ir-rigward Mark Laferla xehed permezz tal-affidavit tieghu li "*Since MIB were appointed as brokers by the client, all our correspondence, interactions and dealings were done with MIB and they acted on behalf of the client when discussing, enquiring and instructing us accordingly.*" Hekk ukoll Michael Stivala jikkonferma, wkoll permezz tal-affidavit tieghu li "*f'Lulju, 2017 kelli laqgha mal-MIB u niftakar li fiha kienet attendiet Audrey Agius. Nghid li f'din il-kaqgha, konna ddiskutejna fid-dettall dak li kellna bzonn u Audrey Agius kienet infurmatna bid-diversi quotations li kienet gabret.* (…) *La f'din il-laqgha u lanqas wara li negozjajna mal-MIB qatt ma gejt infurmat li ser tigi applikata discount abbinata ma' Long Term Agreement u nghid li kieku giet imsemmija haga bhal din, nghid li kont nghidilhom, u huma kellhom ikunu jafu, li minhabba l-business taghna commitment ghal aktar minn sena ma setghux ikun*

*possibbli.* (…) *Kien biss fit-8 t'Awwissu, 2017 f'email li nbaghtet minn Audrey Agius li ssemma Long Term Agreement. Imkien ma kien hemm referenza ghalih qabel u nikkonferma li dak in-nhar kienet l-ewwel darba li ssemma long term agreement (Dok. MS2)* (…) *fid-9 ta' Awwissu, 2017 Audrey Agius baghtet email bl-attachment tal-long term agreement (Dok. MS3). Jiena ma stajt qatt naccetta l-kundizzjonijiet li kien fih tali agreement li kont smajt bih u qed narah l-ewwel darba dakinhar*".

Illi f'tali rigward u mill-aspett prettament legali jinsab regolarment deciz li r-rwol tal-broker huwa dak ta' mandatarju tal-assigurat:

> "*In tema tad-dritt, imbaghad, dak ritenut mill-appellant illi l-agent huwa l-mandatarju jew 'lunga manus' tas-socjeta` konvenuta huwa guridikament fallaci. Huwa pacifikament akkolt kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi "***in all matters relating to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone.*** *If as a matter of convenience he (the insurance agent) fills the proposal form he is acting as agent for the proposer" – Charlesworth ("Mercantile Law", 1984, p913 et seq; "***Lawrence Azzopardi et –vs- Joseph Muscat***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997. Fuq l-istregwa tal-kazistika Ingliza dan il-punt gie elaborat ukoll fis-sentenzi riportati a* ***Vol XXXVI pIII p610*** *u* ***Vol L pIII p590****.* (**Angelo Spiteri v Citadel Insurance p.l.c.** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-28 t'April, 2004).

Illi fir-rigward tal-konkluzjoni tal-Long Term Agreement (LTA) ir-rapprezentanti tas-socjeta` MIB Audrey Agius tikkonferma l-konkluzjoni tal-istess bl-accettazzjoni tat-termini u kundizzjonijiet relattivi inkluz l-iskont mertu tal-kawza odjerna:

> *Nghid li fil-fatt sar meeting, dan il-meeting sar bejna u bejn ir-rapprezentanti ta' Carmelo Stivala Group Limited u waqt dan il-meeting intghazlu Laferla Insurance Agency Limited. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li anke bhal ma jigri f'kazijiet ohrajn anke fir-rigward ta' dan il-kas Carmelo Stivala Group Limited kienu gew imfissra l-obbligi taghhom inkluz l-obbligu li jirrifondu lura d-discount li huma jkunu rcievew jekk ma jaccettawx li jkomplu bil-long term policies fi hdan Laferla Insurance Agency Limited ghal*

*MAPFRE Middlesea plc. Dan ukoll gie maghraf lilhom fl-istadju meta konna qed nipprezentaw il-quotations differenti lill-istess Carmelo Stivala Group Limited. Nghid ukoll li fil-laqgha fejn huma accettaw li jigu assigurati mill-Laferla Insurance saret referenza ghall-obbligi naxxenti minn dan il-long term agreement. Min-naha tal-MIB ghal din il-laqgha konna prezenti jiena u kollega ohra tieghi din jisimha Fiona Borg. Min-naha ta' Carmelo Stivala Group Limited kien prezenti Michael Stivala, f'hinijiet kienet prezenti Rebecca Stivala.* ***F'din l-okkazzjoni li ntaghzel Laferla Insurance 'brokerjajna' d-deal u fil-fatt ikkonfermajna ma' Laferla li konna ser nipprosegwu bin-negozjati maghhom u nikkonkluduhom, ghamilna kollox, fil-fatt ircevejna l-poloz u dawn il-poloz jinkludu wkoll it-termini u kundizzjonijiet taghhom. Maghhom ukoll baghtna l-invoices taghna, permezz ta' din l-invoice gie spjegat ukoll illi kien hemm premium li huwa dovut u li dan il-premium kif wiehed jasal ghalih inkluz ukoll li huwa nett tad-discount li semmejt. Fil-fatt il-premium beda jigi mhallas skont l-invoices li konna nohorgu ahna.*** (…). (enfazi mizjuda)

Illi Michael Stivala jikkontesta tali xhieda billi jikkontendi li da parti tieghu huwa fl-ebda mument ma kien gie infurmat bl-iskont b'rabta mal-long term agreement u li din l-informazzjoni giet reza a konjizzjoni tieghu biss f'email datat 8 t'Awwissu, 2017 meta huwa kien ikkontestaha permezz ta' email datat 16 t'Awwissu, 2017 fejn huwa iddikjara li ma kienx dispost li jiffirma l-long term agreement (Dok. MS4 annessa mal-affidavit tal-istess Michael Stivala).

Illi t-Tribunal jibda sabiex jinnota li, effettivament l-email datata 16 t'Awwissu, 2017 li ssir referenza ghaliha minn Michael Stivala tipprovdi li "*Regarding the long term agreement, Michael will not be signing them.*" Madanakollu jirrizulta li r-referenza ghall-effetti tal-LTA **kienet diga` giet reza a konjizzjoni tas-socjeta` konvenuta permezz ta' email datata 3 t'Awwissu, 2018 (ezebita a fol. 188 tal-process)**. Hekk ukoll jirrizulta mid-dokumentazzjoni ezebita minn Audrey Agius li r-referenza ghal-Long Term Agreement baqghet tigi mtennija u jidher li permezz ta' ittra datat 19 ta' Settembru, 2017 (Dok. AA3 a fol. 202 tal-process) ntbaghtu wkoll kopja tal-poloz

b'talba sabiex l-assigurat jifli sew it-termini u kundizzjonijiet hemmhekk kontenuti u jara li jkunu accettabbli ghalih. F'dan ir-rigward xehdet Agius u kkonfermat is-segwenti: *Qeghda nipprezenta seduta stante kopja tal-ittra datata 19 ta' Settembru 2017 li permezz taghha ahna konna baghtna l-policy documents lill-klijenti taghna Carmelo Stivala Group Limited liema dokument qed jigi mmarkat bhala dokument AA3. Nikkonferma li din l-ittra kienet intbaghtet wara li ahna konna hrigna l-invoices u l-klijent kien hallashom.* Jidher ukoll li konsegwentement ghal tali komunikazzjoni u l-hlas tal-premia relattivi ghal tali poloz, is-socjeta` konvenuta bdiet tibbenefika mill-iskont u kwindi accettat il-kopertura.

Illi konsegwentement ghas-surreferit huwa car li l-iskont li tieghu qed tintalab ir-rifuzjoni jinsab effettivament marbut mat-terminu ta' zmien tal-istess polz u mhux ma kunsiderazzjonijiet ta' natura ohra kif eccepit mill-istess socjeta` konvenuta. Madanakollu il-pern tal-kwistjoni odjerna u dak li tassew irid jigi legalment determinat permezz tal-kawza odjerna huwa jekk l-agir tal-broker in kwantu mandatarju tal-assigurat u kwindi l-accettazzjoni tieghu tal-LTA ippregudikax il-posizzjoni tas-socjeta` intimata, anke fin-nuqqas tal-firem fuq l-endorsement min-naha tas-socjeta` konvenuta. Kwistjoni konsimili ghal din, fejn assigurat allega li ma kienx gie rez a konjizzjoni ta' termini u kundizzjonijiet approvati mill-broker tieghu, jidher li kienet diga` tqajmet u giet deciza mill-Qrati Taghna bis-segwenti mod:

> *Dan kollu johrog car mill-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni, u l-broker (li, kif inhu risaput huwa l-mandatarju tal-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici – "Vassallo vs Azzopardi", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1999 u "Parnis vs Fava", deciza ukoll minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2001) kif gie anke ammess, kienet a konnoxxenza ta' dawn il-kundizzjonijiet, u jekk din ma spjegatx il-kundizzjonijiet lill-Ghaqda jew lill-membri taghha, dan mhux imputabbli lis-socjeta' konvenuta. (...) **Meta persuna tqabbad persuna ohra biex tinnegozzja u titratta ghan-nom taghha, hija marbuta bil-ftehim milhuq, u ma tistax titlob li thassar dak il-ftehim jew xi parti minnu fuq il-bazi li hi personalment ma gietx maghrfa direttament bil-kontenut kollu tal-ftehim. Jekk ikun hemm xi nuqqas da***

> ***<u>parti mill-mandatarju fil-kuntest tal-obbligu tieghu lejn il-mandat, dan ma jippregudikax id-drittijiet tat-terzi</u>.*** (**Grace Difesa v. HSBC Life Assurance (Malta) Limited** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 t'Ottubru, 2003)

Illi it-Tribunal ma jista' jeccepixxi xejn ghall-argumentazzjoni kontenuta fid-decizjoni surreferita. Huwa minnu li, fil-kaz odjern ukoll, il-poloz gew konkluzi mill-broker in kwantu mandatarju tas-socjeta` konvenuta u kwindi hawn ukoll l-accettazzjoni da parti tal-broker hija vinkolanti kemm ghas-socjeta` attrici u kif ukoll ghas-socjeta` konvenuta rapprezentata mill-istess broker. Konsegwentement ghas-surreferit, huwa car li s-socjeta` konvenuta qajla tista' tipprova tahrab mill-effetti tal-poloz validament konkluzi mill-broker taghha f'isimha. Kif jinghad fis-sentenza hawn fuq citata, kwalunkwe rimedju spettanti lilha fil-konfront tal-broker taghha ghal kwalunkwe agir unilaterali u *ultra vires* il-poteri tieghu ma jistax jincidi fuq il-validita` tan-negozju effettivament konkluz bejn l-assiguratur u l-assigurat u kwindi ma jistax jippregudika lis-socjeta` attrici.

Tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal ihoss li m'huwiex opportun li f'dan l-istadju jinoltra ruhu fi kwistjonijiet koncernanti r-relazzjoni bejn is-socjeta` intimata u l-broker taghha u li kjarament imorru lilhinn mit-talbiet u l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-partijiet rispettivi. Ghandu jigi precizat li l-broker ma gie rez qatt partecipi f'dawn il-proceduri lilhinn mix-xhieda ta' Agius u kwindi dak hawn deciz ma jista' qatt jikkostitwixxi stat fil-konfront tieghu. Jibqa' l-fatt pero` li, kif inhuwa risaput, l-assigurazzjoni hija kjarament kuntratt aleatorju li jirrikjedi min-naha tal-kontraenti l-*uberrima fides* kemm fin-negozjati u kif ukoll fl-ezekuzzjoni tal-istess. Huwa car li f'tali rigward, l-ezekuzzjoni tal-kuntratt mis-socjeta` intimata bil-hlas tal-premia bil-beneficcju tal-iskont (kjarament marbut mat-terminu ta' zmien) bil-hsieb li tibbenefika mill-iskont imma bl-intenzjoni li tahrab mill-irbit tat-terminu ta' zmien bir-rifjut li jigu ffirmati l-*endorsements*, ftit jista' jikkwalifika bhala agir karaterizzat minn dik il-massima bwona fede mehtiega mill-kuntratti assigurattrici. It-Tribunal isib li kellu jkun car ghad-dirigenti tas-socjeta` intimata li l-broker taghhom kien qed jorbothom b'termini ta'zmien (u bi skontijiet relattivi) imma, minflok ghazlu li jindagaw u

jikkjarifikaw ulterjorment tali termini u jekk hemm bzonn iwaqqfu n-negozjati jew jirrifjutaw il-kopertura, ghazlu li jaccettaw il-kopertura, ihallsu l-premia relattivi filwaqt li jibbenefikaw mill-iskont imma jippruvaw jaharbu l-kundizzjonijiet l-ohrajn oneruzi ghalihom billi ma jiffirmawx l-*endorsement*. Huwa car li l-fatt wahdu li l-intimata ma ffirmatx l-*endorsement* ma jbiddel xejn mill-fatt li l-broker kien diga` ressaq il-proposta ghall-assikurazzjoni f'isimha liema proposta giet accettata mill-assigurazzjoni permezz tal-hrug tal-poloz relattivi. Kien b'hekk li l-LTA gie rez vinkolanti ghaz-zewg partijiet bil-*consensus ad idem* mehtieg ghall-validita` tieghu. Dan qed jinghad dejjem ai fini ta' kjarezza u b'rizerva ghal kwalunkwe dritt spettanti lis-socjeta` konvenuta fil-konfront tal-broker taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta sabiex thallsha s-somma ta' elfejn, disgha mija u sbatax-il euro u tmienja u hamsin centezmi (€2917.58), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-premia ossija korrispettiv ta' poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici fuq talba u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 534/19 u l-imghax mid-data ta' kull kont mahrug sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**